MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Numru 845/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Tonna)**
**vs**
**Amy Bugeja**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Amy Bugeja** ta' 24 sena, bint Mark Calleja u Maryrose nee' Azzopardi mart Ronald, mwielda Pieta' fl-14 t'Awissu, 1981, residenti gewwa Blk 6, Flt 2, San Gwann Tghuxa, Cospicua u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 450381(M);

Talli matul dawn l-ahhar xaghrejn f'hinijiet differenti b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda minnek u cioe' fix-xahar ta' Lulju u Awissu, 2006 gewwa l-fond kummercjali 'Park Towers Supermarket' li jinsab gewwa Triq il-Ferrovija l-antika, Santa Venera kkommettejt serq t'oggetti tal-ikel u affarijiet ohra ghad-dannu tal-kumpanija

‘The Price Coppers Supermarkets’, liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur u dan ai terminu tal-artikoli 261, 267, 268, 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz kontra l-imputata ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u n-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputata ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat u ghalhekk l-akkuza tirrizulta pruvata.

Semghet lill-prosekuzzjoni tikkonferma li l-imputat irritornat l-ammont minnha indebitament mehud.

Rat l-artikoli 261 (c) u (d), 267, 268, 279, 280 u 281 tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat.

Wara li staqsiet lill-imputata jekk kienitx disposta li toqghod taht kundizzjoni jekk tkun liberata, u hija wiegbet fl-affermattiv.

Tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-art 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputata naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------